MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2012

Numru. 1215/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR FABIAN FLERI**
**SPETTUR ROBERT SAID SARREO**
**VS**
**OMMISSIS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

OMMISSIS

Talli b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l- istess disposizzjonijiet tal- Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda;

1) Talli fis- 26 ta' Ottubru 2011 u fil- granet u x- xhur ta' qabel din id- data gewwa Zabbar u f'dawn il- Gzejjer, xjentament xtara jew laqa' ghandu oggetti misruqa u cioe'

senter tal- marka Beretta bin- numru tas- serje kkancellat li l- valur tieghu jeccedi €232.94 izda ma jeccedix l- €2,329.4 mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b' kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

2) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil- pussess tieghu armi regolari u cioe' snieter minghajr il- licenzja tal- Kummissarju tal- Pulizija;

3) fis- 17 ta' Settembru 2010 ghall- habta tal- 5.00hrs minn gewwa kamra li tinsab fi Triq Xrobb l- Ghagin, Marsaxlokk, ikkommetta serq ta' senter tal- kacca tal- ghamla St. Etienne bin- numru tar- serje 512525 u zewg cintorini skratac liema serq huwa aggravat bil- valur li jeccedi €232.94 izda ma jeccedix l- €2,329.40 bil- mezz u bil- hin ghaddu ta' Alfred Schembri;

4) aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamlu hsara fit- tieqa tal- imsemmija kamra, liema hsarat huma ta' aqnas minn €116.47 ghad- dannu ta' Alfred Schembri u aktar talli;

5) talli fis- 17 ta' Settembru 2010 u fil- granet ta' wara din id- data gewwa dawn il- Gzejjer xjentament xtara jew laqa' ghandu oggetti misruqa u cioe' senter tal- marka St. Etienne bin- numru tas- serje 512525 li l- valur tieghu jeccedi l- €232.94 izda ma jeccedix l- €2329.4 mehuda b' qerq jew akkwistatai b' erat sew jekk dan sar f' Matla jew barra minn Malta, jew xjentament, b' kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghu jew imexxih;

6) fl- istess dtata, hin, lok u cirkostanzi kellu fil- pussess tieghu arma regolari u cioe' senter tal- kacca tal- ghamla St. Etienne bin- numru tas – serje 512525 minghajr il- licenzja tal- Kummissarju tal- Pulizija;

7) fis- 26 ta' Ottubru 2011 u fil- granet u x- xhur ta' qabel din id- data gewwa Haz- Zabbar u f' dawn il- Gzejjer

kellu fil- pussess tieghu munizzjon u cioe’ bullet .22 minghajr il- licenzja tal- Kummissarju tal- Pulizija;

8) fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi bil- hsieb biss li jaghmel uzu temporanju saq vettura tal- marka Volkswagen Golf bin- numru tar- registrazzjoni DAP 295 minghajr ma kellu l- kunsens tas- sid taghha jew awtorita’ legittima ohra;

9) aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l- imsemmija vettura meta ma kellux licenzja tas- sewqan u b’ hekk ma kienx kopert b’ polza tas- sigurta’ ghall- riskju ta’ terzi persuni;

10) fis- 26 ta’ Ottubru 2011 ghall- habta tal- 10.30hrs gewwa Triq Villabate Zabbar, saq vettura tal- marka Volkswagen Golf bin- numru tar- registrazzjoni DAP 295 meta ma kienx liebes is- seatbelt;

11) fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l- imsemmija vettura waqt li kien qed jaghmel uzu mill- mobile phone u b’ hekk ma kellux il- kontroll shih fuq il- vettura u aktar talli;

12) fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il- provedimenti ta’ sentenza sospiza moghtija fil- konfront tieghu mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Gabriella Vella LL.D datata 14 ta’ Gunju 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel u dan bi ksur tal- Artikolu 28A u 28(g) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni wara li wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l- ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

Rat il-“pre-sentencing report” tal-Ufficjal tal-Probation Antonella Spagnol, u semghet lill-istess Ufficjal taghti informazzjoni ulterjuri fuq l-imputat.

**Ikkonsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat, li hu minorenni, kien qed isuq vettura ma’ habib tieghu, minghajr ma kien liebes “seat belt” u qed jaghmel uzu minn “mobile phone” waqt illi qed isuq. Hu twaqqaf mil-Pulizija, li ndunaw li l-imputat ma kellux licenzja tas-sewqan, u fil-vettura sabu zewg snieter, li wiehed minnhom kien misruq. Ghalhekk ittiehdu dawn il-proceduri kontra tieghu u kontra l-habib li kellu mieghu.

Bl-ammissjoni tieghu, din il-Qorti qed issib lill-imputat hati, u ghalhekk setghet tghaddi ghas-sentenza, izda qabel ma sar hekk, il-Qorti ordnat li jsir “pre-sentencing report” fuq il-minuri, sabiex ikun hemm linja gwida fuq piena. Di fatti, il-Qorti m’ghaddietx mal-ewwel ghas-sentenza, anke wara li gie ppresentat u mahluf ir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation, izda halliet aktar zmien biex tara l-andament tal-istess minuri. Sfortunatament, l-informazzjoni li nghatat lill-Qorti ma kienetx wahda felici fil-konfront tal-minuri. Hu baqa’ ma jaghtix kaz tal-istruzzjonijiet li kienu qed jinghatawlu, u jidher li ma fehemx x’setghu kienu l-konsegwenzi tal-imgieba tieghu. Il-Qorti tifhem li, minhabba fic-cirkostanzi unici tal-hajja tieghu u tal-passat tal-familja tieghu, hu ghandu rabja u frustrazzjoni lejn is-socjeta’ in generali. Dan, pero’, qatt ma jista’ jissarraf f’licenzja li wiehed jista’ ghalhekk jaghmel li jrid u jikser il-ligijiet tal-pajjiz. Kulhadd ghandu jwiegeb ghal ghemilu, inkluz l-imputat odjern.

Kwantu ghall-piena, il-Qorti hi rinfaccjata b’sentenza sospiza fuq il-minuri li, jekk tidhol fis-sehh, tkun ta’ detriment konsiderevoli ghalih. Barra minn hekk, peress illi hu ghadu taht l-eta’, ghandu jibbenefika minn tnaqqis fil-

piena bi grad jew tnejn. Il-piena, pero', ghandha tkun dik ta' prigunerija effettiva, anke jekk tkun ghal terminu qasir. Ghalhekk sejra taghtih il-piena ghar-reat mertu ta' dawn il-proceduri, u sejra testendi l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza ghal perijodu ulterjuri. Il-Qorti tawgura li l-minuri jsib ghinuna sufficjenti fil-Facilita' Korrettiva, in vista tal-eta' tenera tieghu u tal-possibilita' ghalhekk li jista' jitghallem kif jintegra ruhu fis-socjeta' ahjar.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 37, 334, 261, 263, 267, 270, 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
l-Artikolu 5 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
l-Artikolu 15 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
u l-Artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija.
Testendi l- perjodu operattiv tas- sentenza sospiza datata 14 ta' Gunju 2010 ghal erba' (4) snin millum.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni, peress illi dawn inghataw bhala alternattiva ghal dik ta' ricettazzjoni.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------